**WAĦEDNA NISTGĦU NAGĦMLU FTIT**

**PERÓ FLIMKIEN NISTGĦU NAGĦMLU ĦAFNA**

Għażiż impjegat/a,

Il-*Malta Community Chest Fund* hija organizzazzjoni, li l-għan ewlieni tagħha huwa li joħloq u jkattar solidarjetà bejn in-nies kollha li jgħixu Malta. Din l-organizzazzjoni li hija preseduta mill-President ta' Malta, tipprovdi appoġġ finanzjarju, materjali, professjonali u morali lil persuni li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet f'ħajjithom, bħalma huma mard kroniku serju, mard terminali, diżabilità, faqar u nuqqas ta' riżorsi. Il-MCCF tagħmel dan mingħajr ma tiddiskrimina lil ħadd.

Biex tkun tista' tiffunzjona u tipprovdi l-fondi meħtieġa lil dawk fil-bżonn ta' għajnuna, l-MCCF tirċievi donazzjonijiet u tiġbor fondi permezz t'appelli li tagħmel minn żmien għal żmien u minn attivitajiet li torganizza.

Il-MCCF tibbenefika wkoll mill-ġenerożità li juru negozji u kumpaniji korporattivi. Dawn permezz ta' skemi u programmi apposta, mhux biss jikkontribwixxu fondi, imma jgħinu wkoll bil-pariri li jagħtu u bil-ħin li joffru biex jgħinu l-Komunità.

Meta niftakru li l-MCCF, li ma tirċivi ebda fondi pubbliċi, tonfoq madwar €230,000 kull xahar biex tgħin lil dawk li jkunu qegħdin jissieltu kontra l-marda tal-kanċer, bilfors li naraw kemm hija meħtieġa l-għajnuna ta' kull wieħed u waħda minna.

Huwa ferm diffiċli li nirrifjutaw it-talba li nikkontribwixxu ewro wieħed biss minn kull paga biex aħna wkoll inkunu qegħdin nagħtu sehemna fl-għajnuna lil dawk ħutna milquta. L-ewro tagħna jmur biex jerfa' ftit mill-piż finanzjaru li tirrikjedi l-kimoterapija speċjalizzata tant meħtieġa lil dawk morda b'din il-marda terribbli.

Sena wara l-oħra, l-MCCF setgħet turi solidarjetà ma' ħutna morda u tgħinhom ifiequ grazzi għall-qalb tajba u l-ġenerożità ta' nies bħalek. Għalhekk qegħdin nitolbuk biex tkompli turi l-ġenerożità tiegħek billi tikkontribwixxi ftit li tfisser ħafna. Ewro minn kull paga għalik ma jfisser xejn, għal marid li jrid ifieq ifisser ħafna.

Jekk taċċetta li tidħol *partner* f'din is-solidarjetà, ġentilment nitolbuk timla l-formula mehmuża ma' dan l-appell u tgħaddiha lill-uffiċċju tal-pagi tiegħek.